## PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **289/2022**

## LAWRENCE ABELA (KI 514077M)

**vs**

## RICHARD SACCO (KI 247685M)
## ANNA MARIE DONNA SACCO DINGLI (KI 198783M) U CHRISTOPHER SACCO

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis, sitta u għoxrin (26) ta’ Settembru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għal-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni tal-assi ta’ Anthony Carmel Sacco, kif ukoll għal-likwidazzjoni ta’ kumpens għal servizzi u spejjeż imwettqa mir-rikorrenti fil-konfront tal-istess Anthony Carmel Sacco.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fl-erbgħa (4) t'April 2022, **Lawrence Abela** ippremetta illi:

*Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża*

a. *Anthony Carmel Sacco (KI nru 713140(M)), armel ta' Theresa Sacco nee Abela, iben il-mejtin Victor Sacco u Emmanuela nee Calamata, imwieled Tas-Sliema, f'Malta, miet nhar is-6 ta' Settembru 2021, fl-eta' ta' 80 sena;*

b. *Saru r-riċerki testamentarji, u irriżulta illi l-aħħar testment ta' Anthony Sacco sar fis-6 ta' Marzu 2017, fil-5pm;*

c. *B'dan it-testment, Anthony Sacco ħassar, irrevoka u annulla kwalunkwe testment preċedenti, eżenta lil uliedu kollha mill-obbligu tal-kollazzjoni u tal-imputazzjoni fil-massa ereditarja ta' kwalunkwe ħaġa li huwa qatt seta' tahom matul ħajjithom, innomina bħala eredi universali u padruni assoluti ta' ġidu kollu: in kwantu għal terz (1/3) kull wieħed minn uliedu (l-intimati) Richard Sacco (KI nru 247685(M)) u Anna Maria Donna Sacco Dingli (KI nru 198783(M)), u t-terz l-ieħor lir-rikorrenti Lawrence Abela (KI nru 514077(M)). Il-wild l-ieħor tal-mibki Anthony Sacco, Christopher Sacco, ma jissemmiex fit-testment;*

d. *L-intimati Richard Sacco u Anna Marie Donna Sacco Dingli mhux biss assolutament qegħdin jirrifjutaw li jirrikonoxxu x-xewqat tal-mibki Anthony Sacco u jaqsmu l-wirt, iżda saħansitra qegħdin jirrifjutaw illi jagħtu lill-esponenti aċċess għall-proprjetajiet formanti l-wirt ta' Anthony Sacco, u milli jħallsu sehemhom mill-kumpens dovut lill-esponenti għal servizzi u spejjeż imwettqa mal-mejjet Anthony Sacco;*

*Raġuni tat-Talba*

a. *Għaldaqstant kellha ssir din il-kawża;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tikkonferma u tillikwida l-assi ta' Anthony Carmel Sacco (KI nru 713140(M));*

ii. *Tordna d-diviżjoni u l-likwidazzjoni tal-assi hekk likwidati;*

iii. *Tordna lill-intiamti jagħtu aċċess u kopja taċ-ċwievet ta' kwalunkwe oġġett u immobbli issa appertjenenti lill-esponenti fi kwota indiviża;*

iv. *Tiddividi u tassenja dak il-ġid li jirriżulta li huwa proprjeta' in komun bejn il-kontendenti jew min minnhom, anke skont ix-xewqat tal-imsemmi Anthony Carmel Sacco;*

v. *Tinnomina, jekk ikun hemm bżonn, perit tekniku għall-finijiet ta' likwidazzjoni u tħejjija ta' pjan ta' diviżjoni;*

vi. *Tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dak kollu li m'huwiex kommodament diviżibbli, bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji;*

vii. *Tordna l-ħlas ta' kwalunkwe sehem riservat dovut skont il-Liġi;*

viii. *Tiddikjara illi l-esponenti Lawrence Abela wettaq servizzi u spejjeż mal-mejjet Anthony Carmel Sacco; tillikwida dawn is-servizzi u l-ispejjeż reżi tul iż-żmien, u tordna lill-bqija tal-eredi Richard Sacco u Anna Marie Donna Sacco Dingli iħallsu sehemhom mill-kumpens dovut lill-esponenti skont il-liġi;*

ix. *Tinnomina Nutar Pubbliku għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi kull fejn meħtieġ in konnessjoni mat-talbiet attriċi;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati;*

4. Permezz ta' digriet mogħti fit-tmienja (8) t'April 2022, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu skont il-liġi, u sabiex il-partijiet jippreżentaw ukoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba u/jew difiża rispettiva tagħhom;

5. Permezz ta' risposta ġuramentata datata tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2022, l-intimati **Richard Sacco u Anna Marie Donna Sacco Dingli** eċċepew:

   a. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

   b. *Illi s-serviġi huma preskritti bid-dekors ta' ħames snin u dan ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   c. *Illi l-esponenti qatt ma ikkontestaw li l-eredita' ta' Anthony Sacco tiġi diviża skont it-testment datat 6 ta' Marzu 2017 fl-atti tan-Nutar Joseph Cilia u għalhekk ma għandhomx ibatu l-ispejjeż tal-kawża;*

   d. *Illi t-talba għal ħlas ta' serviġi lill-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt anke għaliex ma jeżistux l-elementi rikjesti għall-eżistenza ta' dritt ta' ħlas għal serviġi;*

   e. *Illi l-attur ma għamel ebda serviġi għad-decujus u jekk għamel dawn ġew kompensati ampjament bil-ħatra tiegħu bħala eredi ta' terz tal-assi tal-istess decujus;*

   f. *Illi semmai huma l-eċċipjenti li għandhom jirċievu ħlas għal serviġi li huma irrendew lid-decujus;*

g. *Illi l-attur irid jikkomputa u jikkolata kull ħaġa li huwa qatt seta ħa mingħand id-decujus matul ħajtu stante li huwa mhux wieħed mill-ulied id-decujus;*

h. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

6. Finalment, b'risposta ġuramentata datata tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2022, l-intimat **Christopher Sacco** eċċepixxa:

a. *Illi fl-ewwel lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu fil-konfront tal-esponent, l-azzjoni attriċi hija irrita u nulla stante li fir-rikors promotur mhux indikat in-numru tal-karta tal-identita' tal-esponent kif tiddetta l-liġi fl-Artikolu 174(2)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

b. *Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt ħlief għas-seba' (7) talba fejn qed jintalab il-ħlas tal-leġittima lill-esponenti fejn filfatt jaderixxi ruħu ma' din it-talba;*

c. *Illi l-esponent għandu dritt għal-leġittima stante li hu ma tħalliex bħala eredi tad-decujus;*

d. *Illi l-ħlas tal-leġittima irid isir skont il-valur tal-assi fid-data li tkun l-eqreb il-ħlas tagħhom;*

e. *Illi l-esponent qatt ma ikkontesta li l-eredita' ta' Anthony Carmel Sacco tiġi diviża skont it-testment datat 6 ta' Marzu 2017 fl-atti tan-Nutar Joseph Cilia u għalhekk ma għandux ibati l-ispejjeż tal-kawża;*

f. *Illi s-serviġi mitluba huma preskritti bid-dekors ta' ħames snin ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*g.* *Illi t-talba għall-ħlas ta' serviġi lill-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan anke għaliex ma jeżistux l-elementi rikjesti għall-eżistenza ta' dritt ta' ħlas għal serviġi;*

*h.* *Illi l-attur ma għamel ebda serviġi għad-decujus u jekk għamel, dawn ġew kompensati ampjament bil-ħatra tiegħu bħala eredi ta' terz tal-assi tal-istess decujus;*

*i.* *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet oħrajn, jekk hemm ħlas għal serviġi x'jiġi likwidat, dan jista' jkun dovut biss mill-eredi u mhux mill-esponent li huwa biss leġittimarju;*

*j.* *Illi l-attur irid jikkomputa u jikkollata kull ħaġa li huwa qatt seta ħa mingħand id-decujus matul ħajtu stante li huwa mhux wieħed mill-ulied id-decujus;*

*k.* *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent Lawrence Abela u d-dokumenti annessi miegħu;

8. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati Richard Sacco u Anna Marie Donna Sacco Dingli;

9. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Christopher Sacco;

10. Rat l-affidavit ta' **Lawrence Abela**, a fol 25 *et seq* tal-proċess;

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Mary Casingena**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tal-erbgħa (4) t'Ottubru 2022[1];

12. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Raymond Scicluna**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tal-erbgħa (4) t'Ottubru 2022[2];

13. Rat in-nota tar-rikorrent illi permezz tagħha esebixxa: (a) ċertifikat tal-mewt tas-Sur Anthony Carmel Sacco (**Dok D1** a fol 63 tal-proċess); (b) riċerka dwar testmenti sigrieti (**Dok D2** a fol 64 tal-proċess); (c) riċerka dwar testmenti pubbliċi (**Dok D3** a fol 65 *et seq* tal-proċess); u (d) l-aħħar testment illi ħalla s-Sur Anthony Carmel Sacco (**Dok D4** a fol 70 *et seq* tal-proċess);

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joanna Bartolo**, in rappreżentanza tal-**Bank of Valleta plc**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Novembru 2022[3];

15. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Lorraine Attard**, in rappreżentanza tal-**HSBC Bank Malta plc**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Novembru 2022[4], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok LA1 sa Dok LA4** (a fol 79 *et seq* tal-proċess);

16. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Charmaine Psaila Rajhi**, in rappreżentanza tal-**APS Bank plc**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Novembru 2022[5], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok APS1 sa Dok APS3** (a fol 100 *et seq* tal-proċess);

17. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Jeanette Lepre**, in rappreżentanza tal-**Lombard Bank Malta plc**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Novembru 2022[6];

---

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 31 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 47 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 105-106 tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 75 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 96 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 103-104 tal-proċess

18. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Lucienne Sammut**, in rappreżentanza tal-**BNF Bank**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Novembru 2022[7];

19. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**PL Gerald Bonello**, in rappreżentanza ta' **Me Direct Bank**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Novembru 2022[8], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok GB1** (a fol 112 tal-proċess);

20. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tan-**Nutar Joe Cilia,** prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Jannar 2023[9], u rat iċ-ċertifikat u t-testment minnu esebiti u mmarkati **Dok JC1** (a fol 118 *et seq* tal-proċess);

21. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Doris Vella Cassia**, in rappreżentanza tal-**iSptar Mater Dei**, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Jannar 2023[10], u rat il-*file* mediku minnha esebit u mmarkat **Dok DVC1** (a fol 128 *et seq* tal-proċess);

22. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Aldo Calleja**, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Jannar 2023[11], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok AC1** (a fol 124 tal-proċess);

23. Rat in-nota tar-rikorrent illi permezz tagħha ippreżenta kopja tar-riċerki proprjetarji ta' Anthony Sacco (**Dok D5** a fol 717 *et seq* tal-proċess);

24. Rat in-nota tar-rikorrent illi permezz tagħha indika l-assi illi kellu l-mibki Anthony Sacco (a fol 731 tal-proċess);

[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 107 *et seq* tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 110-111 tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 114 *et seq* tal-proċess
[10] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 125 *et seq* tal-proċess
[11] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 122-123 tal-proċess

25. Rat in-nota tar-rikorrent illi permezz tagħha ġew esebiti konvenju datat l-ewwel (1) ta' Marzu 2023 (**Dok D6** a fol 734 *et seq* tal-proċess) u rapport peritali redatt mill-Perit Michael Lanfranco (**Dok D7** a fol 737-738 tal-proċess);

26. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrent **Lawrence Abela**, prodott mill-intimati in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Ġunju 2023[12];

27. Rat l-affidavit ta' **Donna Sacco Dingli** a fol 758 *et seq* tal-proċess;

28. Rat l-affidavit ta' **Christopher Sacco** a fol 763 *et seq* tal-proċess;

29. Rat l-affidavit ta' **Richard Sacco** a fol 767 *et seq* tal-proċess;

30. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Anthea Sacco Mintoff**, prodotta mill-konvenuti waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Novembru 2023[13], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok ASM1** a fol 781 *et seq* tal-proċess;

31. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Richard Sacco**, prodott mir-rikorrent in kontro-eżami waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Jannar 2024[14];

32. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Richard Sacco**, prodott mir-rikorrent in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar 2024[15];

33. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Anna Marie Donna Dingli Sacco**, prodotta mir-rikorrent in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar 2024[16];

---

[12] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 740 *et seq* tal-proċess
[13] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 773 *et seq* tal-proċess
[14] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 803 *et seq* tal-proċess
[15] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 819 *et seq* tal-proċess
[16] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 828 *et seq* tal-proċess

34. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tan-**Nutar Dr Anthea Sacco Dingli** prodotta mir-rikorrent in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2024[17];

35. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata erbgħa u għoxrin (24) t'April 2024 (a fol 847 *et seq* tal-proċess);

36. Rat in-nota ġuramentata ta' Richard Sacco u Anna Marie Donna Sacco Dingli illi permezz tagħha kkonfermaw li mhumiex debituri tal-attur (a fol 859 tal-proċess);

37. Rat in-nota ġuramentata ta' Christopher Sacco illi permezz tagħha kkonferma illi mhuwiex debitur tal-attur (a fol 860 tal-proċess);

38. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Christopher Sacco a fol 861 *et seq* tal-proċess;

39. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Richard Sacco a fol 872 *et seq* tal-proċess;

40. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata Anna Marie Donna Sacco Dingli a fol 881 *et seq* tal-proċess;

41. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

42. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

**A. <u>Eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni</u>**

[17] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 841 *et seq* tal-proċess

43. L-intimati jeċċepixxu l-preskrizzjoni ta' ħames snin fit-termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jistabbilixxi:

> *2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
> *[...]*
> *(f.) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*
> *[...]*

44. Dan l-artikolu m'għandux jitqies *in vacuo*, iżda fit-termini ta' dak stabbilit mill-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, cioe:

> *2137. Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

u dak stabbilit fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16, u cioe:

> *(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149 u 2157 m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament min jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*
>
> *(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-*

*preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.*

*[...]*

45. Fit-termini tal-Artikolu 2160 tal-Kap 16, il-preskrizzjoni ma jkollhiex effett jekk il-partijiet li jeċċepuha ma jagħtux ġurament **minn jeddhom** waqt il-kawża li jew (a) m'humiex debituri, jew (b) li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa, jew (c) fil-każ illi l-kawża ssir kontra werrieta tal-allegat debitur, li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata;

46. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Automated Revenue Management Limited pro et noe vs Topcar Limited***[18], din il-Qorti kif diversement presjeduta għamlet studju akkurat u dettaljat dwar il-ġurament imsemmi fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16, u cioe dak illi kien oriġinarjament ġie stabbilit f'dan l-artikolu, u l-emendi illi segwew permezz tal-Att I tal-2017 u l-Att VII tal-2017. Din il-Qorti kif diversement presjeduta tinnota kif, filwaqt illi oriġinarjament id-debitur ma kienx kostrett illi jieħu ġurament dwar id-debitu, iżda kienet tispetta lill-kreditur l-għażla dwar jekk jiddeferix il-ġurament lill-persuna li teċċepixxi l-preskrizzjoni jew le, permezz tal-Att I tal-2017: (a) il-ġurament kellu jiġi mogħti mill-parti illi teċċepih <u>minn jeddha</u>, (b) il-parti li tagħti ġurament kellha, apparti illi tiddikjara illi mhix debitriċi jew li ma tiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa, tagħti wkoll raġunijiet għalfejn kienet qed tqis lilha nnifisha li mhix debitriċi, u (c) il-parti li teċċepixxi l-preskrizzjoni ma setgħetx tagħti bħala raġuni l-mogħdija taż-żmien. Mill-banda l-oħra, wara l-emenda illi segwiet permezz tal-Att VII tal-2017, l-Artikolu 2160 illum jistabbilixxi illi: (a) il-ġurament għadu jrid jiġi mogħti mill-parti illi teċċepih minn jeddha, iżda (b) tneħħiet il-ħtieġa tal-għoti tar-raġunijiet, għajr f'ċerti kawżi li fihom il-Gvern ikun kreditur. Il-Qorti rriteniet:

*Il-liġi għalhekk daret ċirku tond għal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; għaliex ix-xelta għall-għoti tal-ġurament, kif għadha kif qalet din il-Qorti, tneħħiet*

---

[18] Rik Nru 93/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ G Mercieca, 17 ta' Jannar 2018 (in ġudikat)

*minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa d-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan għandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunita' jressaq il-provi dwar l-eżistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-ġurament baqa' deċiżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippreġudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jagħżel li jifruwixxi ruħu mill-ġurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur.*

47. Fuq l-istess binarju ddeċidiet ukoll il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Bottega Del Marmista Limited vs Paul Mifsud et***[19]:

*Bl-emenda li saret bl-Att I tal-2017, il-leġislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jieħu beneficċju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, il-konsegwenzi legali li żviluppaw mill-ġurisprudenza dwar il-ġurament deċiżorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'paġna 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari, cjoe meta l-attur jagħti l-ġurament lill-konvenut. Fil-każ in eżami, il-konvenuti xehdu minn jeddhom. Il-fatt li hi l-liġi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Għaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut **minn jeddu meta jieħu l-ġurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili**, l-attur għandu kull dritt li jagħti prova li kien*

[19] Appell Nru 286/2015, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ Anthony Ellul, 26 ta' Jannar 2018

*hemm interruzzjoni jew rinunzja għall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili meta l-konvenut kien jagħżel li jixhed minn jeddu.*

48. Fl-ewwel lok, fil-każ odjern, l-intimati ppreżentaw nota ġuramentata b'dikjarazzjoni illi huma *"mhumiex debituri tal-attur"*. Din il-Qorti tfakkar illi, fit-termini tal-Artikolu 2160(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, id-dikjarazzjoni tal-intimati qua werrieta kellha tkun fis-sens illi jistqarru li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata, u mhux illi mhumiex debituri tal-attur. Id-distinzjoni hija waħda impliċita mit-test tal-liġi stess, u tistrieħ fuq il-premessa illi filwaqt illi taħt is-sub-inċiż (1) kreditur ikun qed ifittex ħlas mingħand debitur personalment, taħt is-sub-inċiż (2) kreditur ifittex ħlas mingħand l-eredi ta' persuna illi mingħandha kien qed jippretendi l-istess ħlas. Dan huwa każ fejn ir-rikorrent qiegħed ifittex ħlas ta' serviġi illi huwa ppretenda li kellu jieħu mingħand id-defunt Anthony Sacco, u għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, id-dikjarazzjoni kellha ssir ai termini tal-Artikolu 2160(2) u mhux tal-Artikolu 2160(1) tal-Kap 16;

49. Mingħajr preġudizzju għall-premess, anke li kieku din il-Qorti kellha tikkonsidra illi l-ġurament mogħti ai termini tal-Artikolu 2160(1) forsi huwa aktar definittiv minn dak illi seta' ġie mogħti ai termini tal-Artikolu 2160(2), din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-intimati ppreżentaw in-nota ġuramentata bid-dikjarazzjoni ai fini tal-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta nhar it-tletin (30) ta' Mejju 2024, wara illi l-provi kollha kienu magħluqa u r-rikorrent kien saħansitra ilu aktar minn xahar illi ppreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Hekk kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza suċitata, bl-emendi tal-2017 il-ġurament kontemplat fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16 ħa l-forma ta' prova, stante illi jingħata minn min jeċċepih minn jeddu, b'dana għalhekk illi l-kontro-parti jkollha d-dritt ta' kontro-eżami (vide wkoll ***P&S Limited et vs Noel Zammit et***[20], kif ċitata wkoll b'approvazzjoni

[20] Rik Nru 279/17, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ T Abela, 16 ta' Frar 2018 (in ġudikat)

f'***Bank of Valletta plc vs David Charles Bajada et***[21]). Bl-aġir tal-intimati, ir-rikorrent ġie mċaħħad mid-dritt ta' kontro-eżami fuq il-prova kardinali illi kienet tissostanzja l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan sabiex ma jingħadx ukoll illi l-istess noti ġuramentati ġew ippreżentati kontestwalment man-noti ta' sottomissjonijiet tal-intimati stess, b'dana għalhekk illi anke jekk, sal-mument illi fih ġiet sottomessa n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, l-intimati forsi seta' kellhom ċans jitolbu l-permess tal-Qorti sabiex jippreżentaw in-noti ġuramentati, dan iċ-ċans żgur illi ma kienx ser jingħata fl-istadju illi fih ġew ippreżentati l-istess noti. Dan aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra illi dawn ma kinux provi illi ma kellhomx konjizzjoni tagħhom l-intimati fi stadju aktar bikri, iżda provi illi sa minn meta eċċepew il-preskrizzjoni, l-intimati kienu ben konxji illi kienu mitluba illi jġibu, stante illi l-ġurament huwa element tassattiv sabiex tirnexxi eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

50. Hekk kif ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Aplan Limited vs Etienne Formosa***[22], *"d-disposizzjonijiet proċedurali ta' kif u meta għandhom jitressqu l-provi u jsiru s-sottomissjonijiet okkorrenti huma miżura ta' dixxiplina u ta' sikurezza proċesswali li jridu dejjem jitħarsu. [...] Din mhix kwestjoni ta' formaliżmu żejjed jew eċċessiv imma għaliex jiddependi mill-osservanza tagħhom l-andament kif imiss tal-proċess."* Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament, u għalhekk ma tistax tasal taċċetta n-noti ġuramentati tal-intimati datati tletin (30) ta' Mejju 2024 bħala provi ammissibbli;

51. Mill-bqija, ħarsa lejn l-affidavit tal-intimata **Anna Marie Donna Dingli Sacco** turi lill-istess intimata ssostni illi, *"Lawrence never did care for my dad"*[23], iżda fl-ebda punt ma tagħmel id-dikjarazzjoni rikjesta fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16. L-istess jagħmel **Christopher Sacco**, illi jgħid, *"To my best knowledge, I am not aware of any particular assistance or services*

[21] Rik Ġur Nru 445/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Zammit McKeon, 25 ta' Frar 2021 (in ġudikat)
[22] Appell Ċiv Nru 1199/2005/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 15 ta' Novembru 2006
[23] A fol 761 tal-proċess

*rendred by Lawrence to my father"*[24], u **Richard Sacco**, illi jgħid, *"[I]f Lawrence considered himself a child of our father, it is very strange that he is now asking for compensation for services rendered. And this is stranger because no particular services were in fact rendered"*[25]. Ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***P&S Limited et vs Noel Zammit et*** suċitata:

> *21. Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. Il-Konvenut imkien ma jghid, l-anqas in kontro ezami, testwalment, dak li jrid l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili. F'dan ir-rigward gie affermat fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Tabib Principal tal-Gvern -vs- Georgina Muscat tat-8 ta' Marzu 1978**:*
>
> *"Il-formula tal-gurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqghod jitlob spjegazzjonijiet ohra lill-konvenut, bhal per ezempju il-kawza ta' l-estinzjoni, imma ghandu joqghod strettament ghall-formula tal-gurament, li ghal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi wahda jew l-ohra mit-tnejn specifikati fl-Artikolu 2265(1) (illum 2160(1)] Kodici Civili".*
>
> *22. Huwa minnu li dan il-bran intqal fid-dawl tal-ligi kif kienet. Izda huwa minnu ukoll, li fil-ligi kif inhi llum, il-formula baqghet hemm u inalterabbli, anke jekk illum*

[24] A fol 763a tal-proċess
[25] A fol 769 tal-proċess

*jidher li l-kontroezami hu permessibbli, ghax fejn qabel kien ikun prodott mill-Attur, tajjeb jew hazin, illum huwa l-Konvenut stess li jrid joffri li jixhed u ghalhekk ma jikkwalifikax bhala xhud prodott mill-Attur.*

52. Il-Qorti fliet l-affidavits tat-tliet intimati, u imkien ma hemm il-ġurament rikjest ai termini tal-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda kienu jinkludu biss insistenzi illi r-rikorrent ma rrendiex servizzi lil missierhom, jew raġunijiet għalfejn l-istess rikorrent ma kellu l-ebda dritt jitlob ħlas ta' serviġi. Din il-Qorti għalhekk lanqas tista' tasal tikkonkludi illi l-ġurament rikjest fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16 jirriżulta mill-affidavits tal-intimati;

53. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tirrileva illi l-intimati ma ssodisfawx l-obbligu li josservaw il-vot tal-liġi kif preskritt mil-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana għalhekk illi t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimati Richard Sacco u Anna Marie Donna Sacco Dingli, u s-sitt eċċezzjoni sollevata mill-intimat Christopher Sacco, għandhom jiġu **<u>respinti</u>**.

**B. <u>Ħlas ta' Serviġi</u>**

54. Dwar il-ħlas ta' serviġi ngħad minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Mary Briffa vs Consiglia Abdilla***[26]:

*Illi huwa stabilit li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi jew għajnuna mogħtija lil xi persuna trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi-kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss jure actionis, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio*

[26] Ċit Nru 108/03, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 11 t'April 2017 (in ġudikat)

*judicis, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu;*

*Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim mhijiex ta' xkiel għal sejbien ta' responsabbilta' għall-ħlas ta' serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ta s-servizz u, wisq aktar, ta' min lilu jkunu ngħataw;*

*Illi, fuq kollox, il-fatt li jista' jkun hemm rabta ta' qrubija bejn min jagħti u min jirċievi s-servizzi, jista' u ġeneralment ifisser li tali servizzi saru bit-tama tal-ħlas jew kumpens xieraq. F'dan ir-rigward illum il-ġurnata huwa stabilit li kull serviġi, wkoll mogħtijin lill-qraba ta' dak li jkun, jitqiesu li jkunu ngħataw bit-tama ta' kumpens jew ħlas sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi ngħata bla ħsieb ta' kumpens jew ħlas;*

*Illi, allura, huwa naturali li jsegwi minn dan kollu li biex titwaqqa' l-preżunzjoni li serviġi ngħataw bi ħsieb ta' ħlas, jeħtieġ li min jallega li x-xogħol sar b'xejn irid iġib provi tajbin u konvinċenti biżżejjed biex iwaqqagħha;*

55. Din il-Qorti rat illi mhux kontestat illi r-rikorrent trabba minn Anthony u Theresa Sacco daqslikieku kien binhom ieħor bħall-intimati. Madanakollu, filwaqt illi r-rikorrent, fl-affidavit tiegħu, jallega illi kien idur hu b'Anthony Sacco lejn l-aħħar ta' ħajtu, allegazzjonijiet illi ġew korraborati wkoll mix-

xhieda ta' Mary Casingena u Raymond Scicluna, l-intimati jallegaw illi mhux minnu illi r-rikorrent kien jieħu ħsieb lil missierhom, u li għalhekk m'huwiex dovut ħlas ta' serviġi;

56. B'kuntrast ma' dak li qed jitlob, ir-rikorrent, mistoqsi in kontro-eżami jekk fil-waqt illi fih kien qiegħed jippresta s-servizzi illi jallega illi ppresta pretendiex ħlas, jirrispondi kif isegwi:

| | |
|---|---|
| *Dr Ray Zammit* | *[...] Meta inti kont qed tieħu ħsieb lil missierek* [cioe lil Anthony Sacco, illi r-rikorrent kien isejjaħlu missieru]*, l-iskop tiegħek ġo moħħok kien li tieħu l-flus talli qed tieħu ħsieb lil missierek?* |
| *Xhud* | *Le* |
| *Dr Ray Zammit* | *Le hux hekk* |
| *Xhud* | *Le*[27] |

57. Meqjusa fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata sopra, din il-Qorti tqis illi huwa r-rikorrent stess illi jwaqqa' l-preżunzjoni illi s-servizzi, jekk ngħataw, ma ngħatawx da parti tar-rikorrent bil-ħsieb ta' ħlas jew kumpens. Hija għalhekk ix-xhieda tar-rikorrent stess illi tikkontradixxi t-talba tiegħu, b'dana illi din il-Qorti ma tistax tasal tiddikjara illi huwa dovut lir-rikorrent xi ħlas għal servizzi reżi lil Anthony Sacco, gialadarba l-istess servizzi ma ngħatawx bil-ħsieb illi r-rikorrent jiġi kumpensat għalihom. Mill-atteġġjament tar-rikorrent waqt l-andament tal-kawża, din il-Qorti tifhem illi kien biss wara illi qam diżgwid bejn ir-rikorrent u l-intimati illi r-rikorrent beda jippretendi ħlas għal servizzi reżi. Dan, iżda, hekk kif ġie senjalat

[27] A fol 752 tal-proċess

aktar 'il fuq, huwa rrelevanti, stante illi hija l-intenzjoni tar-rikorrent fil-mument illi fihom kien qed jirrendi l-istess servizzi illi għandha tgħodd;

58. Din il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex **tiċħad** it-talba tar-rikorrent għal-likwidazzjoni u ħlas ta' serviġi.

## C. L-Assi ta' Anthony Sacco

59. Huwa paċifiku bejn il-partijiet illi l-massa ereditarja ta' Anthony Sacco tikkonsisti fis-segwenti:

a. **Depożiti f'kontijiet differenti**, illi l-bilanċi tagħhom fid-data tal-mewt ta' Anthony Sacco (6 ta' Settembru 2021) kienu kif isegwi:

- Kont mal-HSBC bin-numru 056-022080-050: €411.28[28]
- Kont mal-HSBC bin-numru 056-022080-051: €100.00[29]
- Kont mal-HSBC bin-numru 057-001919-001: €0.02[30]
- Kont mal-HSBC bin-numru 061-202537-451: €6.72[31]
- Kont mal-APS bin-numru 2000086501-9: €7,761.08[32]
- Kont mal-APS bin-numru 2000081017-3: €14.20[33]

Ammont globali: **€ 8,293.30**

b. **Qabar fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata**: Il-valur tal-qabar ma ngħatax mill-partijiet fil-mori tal-kawża. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi jkun raġjonevoli fiċ-ċirkostanzi illi tadotta l-valur mogħti għall-akkwiżizzjoni ta' qabar f'ċimiterji tal-Gvern skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 17.02, cioe l-valur ta' **€ 8,000**;

[28] **Dok LA1** a fol 79 *et seq* tal-proċess
[29] **Dok LA2** a fol 84 tal-proċess
[30] **Dok LA3** a fol 87 tal-proċess
[31] **Dok LA4** a fol 90 tal-proċess
[32] **Dok APS1** a fol 100 tal-proċess
[33] **Dok APS2** a fol 101 tal-proċess

c. **L-appartament numru erbgħa (4), Saint Nicholas Flat, Upper Conversion Street, Buġibba**: Skont Rapport Peritali tal-Perit Michael Lanfranco datat tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu 2023[34] esebit mir-rikorrent u mhux kontestat mill-intimati, dan l-appartament kellu valur ta' **€ 115,000** fis-sitta (6) ta' Settembru 2021;

60. Id-*decujus* kellu wkoll proprjeta' oħra f'Ħal Għaxaq illi nbiegħet għas-somma ta' **€ 420,000** wara illi ġie nieqes l-istess *decujus*, u r-rikavat minnha diġa ġie maqsum bejn it-tliet eredi. Il-valur ta' din il-proprjeta' qiegħed jissemma għall-fini tal-likwidazzjoni tas-sehem riservat.

**D. <u>Is-Sehem Riservat</u>**

61. L-Artikolu 615 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi s-sehem riservat bħala *"l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-liġi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj"*, filwaqt illi l-Artikolu 616 jistabbilixxi illi fejn ma jkunx hemm aktar minn erba' tfal fl-għadd, is-sehem riservat għandu jkun terz tal-valur tal-beni, u jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu;

62. Fil-każ odjern, fejn id-*decujus* kellu tliet ulied, is-sehem riservat spettanti rispettivament lil kull wieħed mill-intimati huwa għalhekk ta' sehem wieħed minn disgħa (1/9);

63. L-Artikolu 620(2) jistabbilixxi mbagħad illi s-sehem riservat għandu jiġi kalkolat fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali, f'dik magħrufa bħala **rijunjoni fittizja tal-assi**. Ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Emanuel Psaila et vs Roderick Psaila***[35]:

[34] **Dok D7** a fol 737-738 tal-proċess
[35] Rik Nru 434/2022/2, Qorti tal-Appell (Superjuri), 6 ta' Ġunju 2024

*33. F'dan l-eżercizzju tar-rijunjoni fittizja jsir kalkolu tal-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu u dik il-parti li ma setax jiddisponi minnha (ara* ***L-Avukat Dr Chris Said nomine et v. Mary Abela pro et noe et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010), biex minn hemm wieħed jara jekk it-testatur ikunx xellef is-sehem riżervat jew le.*

*34. Il-liġi nnifisha tgħid x'għandu jiddaħħal f'tali eżerċizzju tar-rijunjoni fittizja. Dan is-sehem riżervat jinħadem fuq l-assi kollha tal-mejjet, magħdud magħhom dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb taż-żwieġ (ara* ***Artikolu 620(3) tal-Kodiċi Ċivili****), u dan wara li jitnaqqsu kemm id-djun u l-ispejjeż tal-funeral (ara* ***Artikolu 620(2) tal-Kodiċi Ċivili****), kif ukoll dak il-ġid li d-dixxendent li qed jitlob s-sehem riżervat ikun irċieva b'donazzjoni mingħand il-mejjet direttament jew indirettament (ara* ***Artikolu 620(4) tal-Kodiċi Ċivili****).*

*35. Issa biex wieħed jgħarbel jekk it-testatur ikunx iddispona aktar mis-sehem li seta' jiddisponi minnu wieħed irid jimxi mar-regoli msemmija fl-****Artikolu 648 tal-Kodiċi Ċivili*** *[...]*

*36. Minn dawn ir-regoli l-Qorti tista' tislet dawn iż-żewġ konsiderazzjonijiet: (i) li l-valur tal-ġid li jkun jinsab fil-patrimonju tal-mejjet fiż-żmien tal-mewt tiegħu għandu jinħadem fuq il-valur tiegħu fiż-żmien tal-mewt; filwaqt (ii) li fil-każ ta' ġid mogħti b'donazzjoni mit-testatur, dak il-ġid għandu jiġi kkalkulat fl-eżerċiżżju tar-rijunjoni fittizja skont il-valur tiegħu fil-mument tad-donazzjoni.*

64. Fil-każ odjern ma jirriżultax lil din il-Qorti illi hemm djun tal-assi jew spejjeż tal-funeral illi għandhom jitnaqqsu, u lanqas jirriżulta lil din il-Qorti li kien saru donazzjonijiet;

65. Ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Christopher Brincat et vs Emanuela Caruana***[36]:

> *Illi l-liġi tqis is-sehem riżervat bħala jedd, fis-sura ta' kreditu tal-valur tas-sehem, fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-liġi favur l-ulied tal-mejjet. Il-werriet li lilu jmiss tali sehem irid jitolbu mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decuius* [App Ċiv 10.6.1949 fil-kawża fl-ismijiet *Farrugia noe vs Mintoff noe et* (Kollez Vol XXXIII.i.472)] *. Minħabba l-bidliet li ddaħħlu fil-liġi, ma għadux meħtieġ li tali sehem jingħata lill-benefiċjarju b'ġid tal-wirt in natura, jiġifieri li jkun magħmul minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu* [Caruana Galizia, *Notes on Civil Law – Law on Succession,* pag 1021] *(magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ* [Art 620(3) tal-Kap 16]*), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral* [Art 620(2) tal-Kap 16] *u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur* [Art 620(4) tal-Kap 16]*, u tingħata fi proprjeta' sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni* [Art 620 (1) tal-Kap 16]*;*
>
> *Illi dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu* [Art 616(2) tal-Kap 16]. *Dan ifisser li l-ulied kollha, inkluż dawk li tħallew barra jew*

[36] Rik nru 181/09, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 27 t'April 2017 (in ġudikat)

*inqatgħu mill-wirt, iridu jitqiesu biex wieħed jara kemm kien l-għadd ta' wlied li fuqu jinħadem is-sehem riżervat* [Art 618(1) tal-Kap 16]*. Ifisser ukoll li sehem l-atturi jrid ikun ta' parti minn disa (1/9) tal-ġid li jirriżulta li missierhom kellu dak inhar li miet;*

*Illi minbarra dan, qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XV tal-2012, ma kienx hemm il-proviso għas-subartikolu (2) li hemm illum (li jagħti lill-Qorti diskrezzjoni dwar kemm għandha tkun ir-rata xierqa ta' mgħax li tinġema' mas-sehem riżervat likwidat jew jekk għandux jinġema' mgħax), u għaldaqstant id-dritt għall-imgħaxijiet bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%)* [Art 1139 tal-Kap 16] *għandhom jiżdiedu mal-kreditu tal-valur tas-sehem riżervat mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni, jekk tali sehem jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jgħaddu s-sentejn. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, mhux applikabbli d-diskrezzjoni tal-Qorti li tnaqqas jew 'taħfer' l-imgħax miġmugħ fuq is-sehem li jmisshom minnu l-atturi. Għalhekk, is-sottomissjonijiet tal-imħarrka f'dan ir-rigward;*

66. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tagħmel is-segwenti kalkoli:

Valur tal-assi ereditarji mal-mewt tad-*decujus*: € 551,293.30
Valur tas-sehem riservat spettanti lill-intimat Christopher Sacco:
1/9 x € 551,293.30 = **<u>€ 61,254.81</u>**

67. Dwar l-imgħax dovut fuq is-sehem riservat, din il-Qorti ma tqisx illi għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha fit-termini tal-*proviso* tal-Artikolu 615(2) tal-Kap 16. Peress illi l-kawża infetħet <u>qabel</u> għadda t-terminu ta' sentejn mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Anthony Sacco, din il-Qorti sejra tordna illi

jitħallas imgħax bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) b’seħħ minn dak in-nhar li nfetaħ il-wirt sal-jum tal-ħlas effettiv.

E. **Diviżjoni u Assenjazzjoni**

68. Mit-testment ta’ Anthony Sacco pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joe Cilia nhar is-sitta (6) ta’ Marzu 2017[37], jirriżulta b’mod ċar illi t-testatur kien innomina bħala eredi universali u padruni assoluti ta’ ġidu kollu lir-rikorrent, u lil uliedu Richard Sacco u Anna Marie Donna Sacco Dingli, fi kwoti ta’ terz indiviż (1/3) kull wieħed;

69. F’dak illi jirrigwarda l-proprjeta’ f’Buġibba, ir-Rapport Peritali tal-Perit Michael Lanfranco ma jindikax jekk tali proprjeta’ hijiex komodament diviżibbli jew le, iżda l-fatt biss illi huwa appartament jagħti lil din il-Qorti x’tifhem illi m’huwiex komodament diviżibbli. Għaldaqstant hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi **l-proprjeta’ f’Buġibba għandha tinbigħ b’liċitazzjoni, bl-ammissjoni t’oblaturi estranei**, u r-rikavat jinqasam bejn it-tliet eredi, cioe r-rikorrent, Richard Sacco u Anna Marie Donna Sacco Dingli;

70. F’dak illi jirrigwarda l-qabar, din il-Qorti taqbel mar-rikorrent illi dan l-immobbli għandu jinżamm fil-familja ta’ Anthony Sacco, b’dana għalhekk illi **l-qabar jibqa’ jinżamm mill-intimati Richard Sacco u Anna Marie Donna Sacco Dingli in komun bejniethom, filwaqt illi l-istess żewġ intimati jgħaddu lir-rikorrent sehmu mill-qabar fil-valur ta’ € 2,667**. Dan anke fit-termini ta’ dak illi ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Carmel sive Charles Micallef vs Joseph Frederick Micallef et***[38]:

> *43. Din il-Qorti tifhem li qabar tal-familja għandu valur sentimentali qawwi ħafna għaliex fih jinżammu l-fdalijiet*

[37] **Dok JC1** a fol 118 *et seq* tal-proċess
[38] Rik Nru 1343/2010/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 25 ta’ Mejju 2023

*tal-membri familjari u fih ukoll ikun hemm il-ħsieb li jindifnu membri familjari oħra li jiġu nieqsa fil-futur.*

*44. Billi f'dan il-każ jidher li huwa l-appellant biss li jixtieq jinħall mill-komunjoni għaliex iż-żewġ appellati jixtiequ jżommu dan il-qabar bejniethom, din il-Qorti temmen li l-aħjar soluzzjoni f'dan il-każ partikolari għandha tkun li ż-żewġ appellati għandhom iħallsu sehem l-appellant biex b'hekk dan ikun jista' jinqata' minn magħhom.*

*45. Għalkemm huwa minnu li l-ġurisprudenza tqis li l-qasma parzjali ta' wirt għandha tiġi mħollija biss meta jkun hemm qbil unanimu bejn il-werrieta, madankollu din il-Qorti tħoss li f'ġieħ is-sewwa u l-ġustizzja din ir-regola għandha tiġi mwarrba ftit mal-ġenb, f'każ ta' oġġetti bħal qabar tal-familja, li jkollhom valur sentimentali li jiżboq ferm dak finanzjarju. Dan ma huwa xejn ħlief espressjoni tal-filosofija legali magħrufa bħala attiviżmu ġudizzjarju (judicial activism).*

71. Mill-bqija, f'dak illi jirrigwarda d-depożiti f'kontijiet bankarji, il-Qorti sejra tordna illi s-somma ta' **€ 8,293.30** tinqasam bejn it-tliet eredi fi kwoti ndaqs bejniethom, b'dana illi kull eredi jiġi assenjat is-somma ta' **€ 2,764.43**.

**Decide**

72. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa</u>**' l-ewwel talba rikorrenti, u tikkonferma u tillikwida l-assi ta' Anthony Carmel Sacco skont is-sezzjoni *'C. L-Assi ta' Anthony Sacco'* f'din is-sentenza;

(ii) **<u>Tilqa</u>**’ t-tieni talba rikorrenti, u tordna d-diviżjoni tal-assi skont is-sezzjoni *‘E. Diviżjoni u Assenjazzjoni’*;

(iii) **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba stante illi r-rikorrent mhu ser jiġi assenjat ebda immobbli;

(iv) **<u>Tilqa</u>**’ r-raba’ talba rikorrenti, u tordna d-diviżjoni u assenjazzjoni skont is-sezzjoni *‘E. Diviżjoni u Assenjazzjoni’*;

(v) **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba, stante illi mhux meħtieġ pjan ta’ diviżjoni;

(vi) **<u>Tilqa’</u>** s-sitt talba rikorrenti u tordna l-bejgħ b’liċitazzjoni tal-proprjeta’ f’Buġibba bl-ammissjoni ta’ oblaturi estranei skont is-sezzjoni *‘E. Diviżjoni u Assenjazzjoni’*;

(vii) **<u>Tilqa’</u>** s-seba’ talba rikorrenti u tordna l-ħlas tas-sehem riservat dovut lill-intimat Christopher Sacco skont is-sezzjoni *‘D. Is-Sehem Riservat’*;

(viii) **<u>Tiċħad</u>** it-tmien talba rikorrenti;

(ix) **<u>Tilqa</u>**’ d-disa’ talba rikorrenti u tinnomina għal dan il-għan lin-Nutar Pubbliku Dr Margaret Haywood għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv u lill-Avukat Dr Josette Grech sabiex tirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi kull fejn meħtieġ in konnessjoni mat-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż ta’ din il-kawża a karigu tal-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**

**Deputat Reġistratur**